## Minuti tat-Tmienja u Għoxrin (28) laqgħa
## tas-Seba' Kunsill Lokali Nadur
## Nhar il-Ħamis 20 ta' Frar, 2014 fit-3:00 p.m.

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Charles Said | Sindku |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsillier |
| Eucharist Camilleri | Kunsillier |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsillier |
| Nicholas Haber | Ambaxxattur taż-Żagħżagħ |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

---

1. **Talba.** Il-laqgħa bdiet bit-talba.

2. **Delegazzjoni minn San Blas.** Peress li kien hemm xi persuni minn San Blas li xtaqu jitkellmu, s-Sindku talab sabiex l-ordni tal-laqgħa tinbiddel. Il-Kunsilliera qablu. Id-delegazzjoni li fosthom kien hemm Margaret Magrin, irringrazzjaw lill-Kunsill għall-kooperzzajoni sabiex saret il-festa ta' San Blas nhar il-Ħadd 2 ta' Frar. Huma xtaqu jiddiskutu l-kwotazzjoni li ħareġ il-Kunsill għat-tinda tal-partita tal-boċċi ta' San Blas. Kien hemm biss kwotazzjoni waħda mixħuta li kienet ta' €9,400. Huma ġabu kampjuni ta' materjal li jista' jintuża għat-tinda bi prezzijiet ferm inqas, u qalu li jekk il-Kunsill jixtri l-materjal huma lesti li jagħmlu x-xogħol huma bla ħlas. Il-Kunsill diġa ħareġ sejħa għall-kwotazzjoni tlett darbiet. L-ispiża biex issir din it-tinda tiġi madwar €2,200 bil-materjal li intagħżel dak il-ħin mill-Kunsilliera u bl-approvazzjoni tad-delegazzjoni li ġiet minn San Blas.

3. **Merħba.** Is-Sindku ta merħba lil Maria Natoli, li kienet assenti mill-laqgħat f'dawn l-aħħar xhur minħabba raġunijiet ta' saħħa.

4. **Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru sebgħa u għoxrin (27) tas-seba' Kunsill ġew approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

5. **Tour Leaders.** Josianne Cutajar ġibdet l-attenzjoni dwar it-*tour leaders* li ġew imsemmija fl-aħħar laqgħa u qalet li l-Kunsill għandu jniżżel li l-Kunsill ser jilqa dawn il-persuni biex huma jagħmlu promozzjoni tal-lokal tan-Nadur fil-pubblikazzjonijiet u websites tagħhom.

6. **Resurfacing ta' Toroq.** Ġie ċċarat li l-Kuntrattur, Gatt Tarmac Ltd. ma jistax jiġi mmultat jekk ix-xogħol ta' resurfacing fit-Toroq Madre Gemma Camilleri u

Rakela Camilleri ma jinbidiex minħabba kwistjoni tal-Water Services Corporation. Jiġi mmultat jekk ma jibdiex ix-xogħol jekk ikun hemm l-approvazzjonijiet meħtieġa mid-dipartimenti l-oħra.

7. **Triq ir-Ramla.** Josianne Cutajar reġgħet semmiet il-gandott ta' l-ilma tax-xita fi Triq ir-Ramla. Hi qalet li dan il-gandott huwa perikoluz. Is-Sindku qal li hu mar jarah dan il-gandott u ma jista jsir xejn. It-triq hija wiesa bizzejed biex jgħaddu l-karrozzi.

8. **Measure 313 Encouragement of Trouism Activities.** Il-Kunsill ġie nfurmat mill-Gozo Action Group li l-Kunsill tan-Nadur ser jieħu fondi addizzjonali ta' €28,709.55 ma l-ammont diġa approvat ta' €31,504.39.

9. **Suq fil-Miftuh.** Ġie diskuss is-Suq fil-Mitfuh li jsir nhar ta' Erbgħa fin-Nadur. Is-Sindku qal li dan is-suq iġib miegħu ħafna problemi, iżda n-Nadur huwa magħruf għal dan is-Suq. Maria Natoli lmentat dwar il-problema tal-parking tal-vetturi tal-ispizjar nhar ta' Erbgħa fi Triq il-Kappillan. Wara diskussjoni ġie deċiż li l-Kunsill jitlob għas-sinjali sofor faċċatta tal-garaxx ta' Maria Natoli fi Triq il-Kappillan sabiex ma jkunx hemm problema biex tidħol u toħroġ minn ġol-garaxx.

10. **Rapport Finanzjarju.** Il-Kunsill approva l-"financial statements" għas-sena 2013. Dawn jintbagħtu lill-awditur generali sabiex ikun jista' jibda l-audit tal-Kunsill għas-sena 2013.

11. **Korrispondenza.**

(4769) Applikazzjoni ta' quotation 6/2014 minghand '389'

(4770) E-mail mingħand Vincent Tabone dwar is-sehem ta' Valparaiso University Students' Band Indiana USA fil-Karnival tan-Nadur.

(4771) E-mail minghand Glen Farrugia dwar notifikazzjonijiet important mingħand Valletta 2018 University of Malta Secretariat.

(4772) Ittra mingħand l-Ufficcju Parrokkjali dwar l-attivitajiet għax-xahar ta' Frar 2014

(4773) Ittra minghand Charles Galea fejn jinforma lill-Kunsill biex inehhi sigra u bank minn Triq it-Tigrija peress li se jsir xi xoghol to kostruzzjoni.

(4774) Ittra minghand il-MEPA dwar amendi fuq il permess PA/01458/09

(4775) Risposta lill-editur tal-Orizzont b'referenza ghal ittra li dehret fl-Orizzont

(4776) Ittra minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar SMS alerts u E-mail privat.

(4777) E-mail minghand Mary Muscat dwar dokumenti li jridu jitqassmu lill-Membri kollha tal-Kunsilli Lokali.

(4778) E-mail minghand Nicholas Haber ta' ringrazzjament u suġġerimenti għas-suċċessuri tiegħu.

(4779) E-mail minghand il-Local Councils Association dwar l-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew

(4780) E-mail minghand Marco Attard dwar tnehhija ta' slip way mill-bajja ta' Dahlet Qorrot

(4781) Ittra minghand id-Direttur tal-Gvern Lokali dwar l-akkumulu ta' Vacation Leave mill-2013 ghall-2014

(4782) Ittra minghand is-Segretarju Parlamentari Franco Mercieca dwar kompetizzjoni intitolata A+ Accessibility Award.

(4783) Ittra mingħand il-Gozo Greyhounds dwar attvitajiet biex jippromwovu attivita fizika u jqajjmu kuxjenza dwar l-ambjent.

(4784) E-mail mingħand Jennifer Attard bħala ringrazzjament lis-sindku Charles Said.

(4785) E-mail mingħand Albert Pisani dwar FMVA Vintage Motors Festival 2014

(4786) Ittra minghand il-Muzew tas-Subien Nadur biex jintalab sponsor għac- 'Cena tas-Sinjur'.

Charles Said, Sindku



Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv

(4787) E-mail inghand il-GUG Executive & Newsletter Sub-Committee dwar il-Gozo Week.
(4788) E-mail minghand Transport Malta dwar approvazzjoni ta' yellow lines.
(4789) E-mail minghand Mandy Camilleri dwar PC 004/14
(4790) Ittra minghand il-ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol dwar nomina ghal persuni f'Network Group on Basic Skills.
(4791) Memo 6/2014 dwar il-Haddiema tal-IPSL, ex WSC u tal-Iskemi tal-ETC fil-Kunsilli Lokali.
(4792) E-mail mingħand Pio Farrugia, Assistent Direttur, dwar l-attendenzi tal-ħaddiema ex-WSC illi huma mħallsa minn dan id-Dipartiment.
(4793) Ittra minghand il-Perit Robert Grech dwar xi amendi fuq il-permess PA/01458/09.
(4794) E-mail minghand Vote 16 at MOT dwar l-Ambaxxaturi Lokali
(4795) E-mail minghand Vote 16 at MOT dwar rapport mis-Sindki u mill-Ambaxxaturi Lokali
(4796) Ittra mit-Transport Malta dwar rikjesta ta' parkegg fi Triq Ghajn Qasab, Nadur.
(4797) Memo 5/2014 dwar skema ta' ghajnuna finanzjarja ghal streaming tal-laqghat online.
(4798) E-mail minghand Isabella Camilleri Aquilina dwar live streaming
(4799) E-mail minghand Isabella Camilleri Aquilina dwar Memo 122: Restoration of Historical Sites Scheme
(4800) Invit minghand l-Onor Jose' Herrera ghall Konferenza tal-Aħbarijiet dwar ir-Riforma tas-Sistema tal-Infurzar Lokali
(4801) E-mail minghand Transport malta dwar applikazzjoni fuq Tower Crane.
(4802) Ittra minghand Transport Planning dwar permess ta' Tower Crane ghall-uzu ta' kostruzzjoni.
(4803) Ittra minghand id-Direttur tal-Gvern Lokali dwar il-Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv.
(4804) Ittra minghand il-MEPA rigward l-Iskema ta' Fondi ta' Urban Improvement Fund.
(4805) Memo 4/2014 dwar għajnuna lill-Kunsilli Lokali li Għandhom ir-Responsabbilita ta' Librerija Lokali.
(4806) E-mail mingħand Margaret Magrin sabiex jitnehha xi haxix hazin minn il-Pitch tal-bocci.
(4807) Ittra mill-MEPA rigward l-Iskema ta' Fondi ta' Urban Improvement Fund.
(4808) E-mail mingħand Gail Gafa' dwar Ozone Communication Services
(4809) Ittra mingħand ir-residenti ta' Triq Madre Gemma Camilleri dwar in-nuqqas ta' dawl fit-triq.
(4810) Ittra mingħand Grech & Grech Associates ghan-nom ta' Joseph Rapa peress lid an mhux ikun jista' joħrog il-karozza mill-garaxx peress li jkun hemm il-monti.
(4811) Ittra mill-Ufficcju parrokkjali biex tintalab ghajnuna finanzjarja ghas-security fil-granet tal-Karnival.
(4812) E-mail mingħand Esther Bajada dwar il-Karnival tan-Nadur.
(4813) Ittra minghand l-FECC Convention dwar il-Formola ta' Registrazzjoni.
(4814) E-mail mingħand pio Farrugia dwar il-haddiema fuq skemi tal-ETC mall-Kunsilli Lokali.
(4815) E-mail mingħand Marie Jeanne Borg dwar il-Formoli tat-Taxxa.
(4816) E-mail mingħand Lorna Vella dwar il-UIF Balance and Procedures.
(4817) E-mail mingħand Joseph Abela dwar Case 49/14 – PQ 6870 – NDR Reply Periti – In-Nadur.
(4818) E-mail mingħand Local Council's Association dawr ic-cirkulari AGL Cirk 12/2014.
(4819) E-mail mingħand Doreen Briffa dwar Kartanzjan.
(4820) Ittra minghand Mary Gurr dwar ġbir ta' donazzjonijiet għall-maratona.

**12. Pjazza San Pietru u San Pawl.** Eucharist Camilleri talab li jiġi spjegat il-proġett tal-Pjazza lill-Kunsilliera li ma kienux membri tal-Kunsill fil-Kunsill precedent. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Perit jattendi laqgħa tal-Kunsill biex jispjega dan il-proġett fid-dettal. Għalhekk, il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir meta jkun jista' jattendi l-perit.

**13. Ambaxxatur taż-Żgħażagħ.** Ir-rapporti mitluba mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-ħidma tal-ambaxxatur taż-Żgħażagħ, saru mis-Sindku u mill-Ambaxxatur taż-Żgħażagh Nicholas Haber. Is-Sindku gibed l-attenzjoni li peress li Nicholas Haber dalwaqt jagħlaq 18-il sena dan ser ikollu jispiċċa mill-kariga ta' Ambaxxatur. Il-Kunsill għandu jerġa joħroġ sejħa biex dawk iż-

zagħżagħ li għandhom 16 jew 17-il sena li huma nterressati li jservu bħala ambaxxatur taż-żagħżagħ japplikaw. Josianne Cutajar ssuġġeriet li l-Kunsill jitlob li Nicholas Haber ikompli b'din il-kariga sakemm il-Kunsill isib ambaxxatur ġdid. Is-Sindku nformaha li dan ma jistax issir skond l-istruzzjonjiet tad-Dipartimnet tal-Gvern Lokali.

14. **Laqgħat.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Kandidat għall-Elezzjoinijet tal-Parlament Ewropew Mario Farrugia Borg sabiex jiltaqa' mall-Kunsill. Il-Kunsill iddeċieda li jistieden lis-Sur Farrugia Borg biex jiltaqa mal-Kunsill qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

15. **Artiklu fil-Gazzetta.** Deħret ittra fil-Gazzetta l-Orrizont ta' nhar is-Sibt 15 ta' Frar fejn ġie allegat li l-Kunsill tan-Nadur m'għadux itella l-minuti fuq il-webites tiegħu kif inhu meħtieġ. Il-Kunsill bgħat risposta fejn informa lill-editur li dan mhux minnu, għaliex il-minuti kollha li huma approvati huma mtellgħin fuq il-website. Il-Kunsill talab ukoll li din ir-risposta tidħer fl-iestess paġna fejn deher l-artiklu taħt il-kolonna "Aħna l-Għawdxin".

16. **Reġjun Għawdex.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Ian Paul Bajada, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun ta' Għawdex, fejn informa lill-Kunsill, li s-Sindku Charles Said ġie nnominat mill-Kumitat Regjonali għal Għawdex biex ikun parti minn delegazzjoni f'viżta uffiċjali gewwa l-Emilia Romagna bejn is-16 u 19 ta' Marzu. L-ispejjes tal-akkomodazzjoni u t-titjira għandhom jiġu koperti mill-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

17. **Pjazza San Pietru u San Pawl.** Il-Kunsill ingħata permess mill-MEPA skond l-amendment tal-Permess tal-Pjazza biex jinqalgħu s-siġar tal-Palm ta' madwar iz-zuntier. Dawn għandhom jinqalgħu u titranġa l-bankina eżistenti mill-kuntrattur.

18. **Daħlet Qorrot.** Il-Kunsill irċieva email mingħand il-*Beach Cleaning Section* dwar ir-rampa ta' Daħlet Qorrot fil-bajja. Din tkisret bil-maltemp. Huma ssuġġerew li din titneħħa kompletament. Il-Kunsilliera ma qablux ma dan is-suġġeriment u talbu sabiex ir-rampa tiġi rranġata. Infatti l-Kunsilliera talbu sabiex jitranġaw iż-żewġ rampi f'din il-bajja peress li s-sajjieda jużawhom it-tnejn.

19. **Kompetizzjoni A+Accessibility**. Il-Kunsill ircieva ittra mingħand is-Segretarjat Parlamentari Għad-Drittijiet ta' Persuni B'Diżabilita U Anzjanita' Attiva dwar kompettizzjoni li għandha l-għan li tħeġġeġ lill-Kunsilli biex jinvestu fi proġetti li jżiedu l-aċċessibbilta' għall-persuni b'diżabilta'. Il-Kunsilliera iddiskutew il-possibilita li jsir aktar aċċessibilita fil-bajja ta' Daħlet Qorrot permess ta' siġu tar-roti li jinżel għal ġo l-ilma.

20. **Gozo Greyhounds.** Dwar il-kampanja Gozo Clean and Green, il-Kunsill iddeċieda li jikkollabora ma din l-għaqda permezz ta' xiri ta' boroz, ingwanti u transport jekk dawn jiġu u jnaddfu fin-Nadur.

21. **Gozo University Group.** Il-Kunsill irċieva email mingħand il-GUG fejn talbu biex il-Kunsill tan-Nadur jiehu sehem fil "Gozo Week". Dan permezz ta' artikli fil-pubblikazzjoni tagħhom (żewġ paġni) u spazju fil fil-wirja li ssir fil Gozo Week bejn l-10 u 14 ta' Marzu. Il-Kunsilliera qablu li għandha ssir laqgħa mar-rapprezentanti tal-GUG dwar dan.

22. **Pedestrian Crossing fi Toroq ir-Rabat u Knisja.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand it-Transport Malta dwar it-talba tal-Kunsill għal pedestrian crossing fi Triq ir-Rabat. Transport Malta talbet li jsir survey fil-*peak hours* ta' kemm jgħaddu vetturi u nies f' sagħtejn. Il-Kunsill għandu jitlob l-għajnuna tat-Transport Malta dwar dan is-survey. Dr. Josianne Cutajar reġgħet ġibdet l-attenzjoni dwar il-bżonn ta' zebra crossing fi Triq il-Knisja.

23. **Memo 6 – Ħaddiema tal-IPSL, Ex-Water Works u Skema tal-ETC**. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex il-ħaddiema taħt l-iskemi msemmija hawn fuq jiffirmaw kollha l-attendenza, liema attendenza għandha tiġi ffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Is-Segretarja informat lill-Kunsill, li l-karti tal-attendanza ser jiġu ffirmati minnha jekk dawn juru l-ħin li verament jaħdmu l-ħaddiema. Barra l-attendanza, s-Sindku flimkien mas-Segretarju, ġew mitluba jimlew formoli għal kull ħaddiem li juru x-xogħol li qed isir minn dawn il-persuni. Il-Kunsilliera qablu li biex is-Segretarju Eżekuttiv jiffirma l-attendenza, l-ħaddiema għandhom jaħdmu l-ħinijiet imniżżlin f'din il-formola.

24. **Monument Dun Salv Vella.** Peress li kien għad fadal xi fondi taħt l-Iskema ta' Restawr, il-Kunsill iddeċieda li ssir sistema ta' dawl, biex jigi mdawwal l-istess monument.

25. **Karnival 2014.** Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri semma l-ispejjeż inkonnessjoni mal-Karnival Spontanju fin-Nadur. Hu qal li l-Karnival tan-Nadur saret festa nazzjonali u ġġib kummerċ kbir fil-gzira ta' Għawdex iżda l-ispejjeż kbar ta' tindif, mobile toilets, security, dawl, first aide, eċċ qed jaqgħu kollha fuq il-Kunsill tan-Nadur. Eucharist Camilleri kompla jgħid, li l-Gvern Ċentrali għandu jassorbi parti minn dawn l-ispejjeż. Il-Kunsill għandu jiġbor il-kontijiet kollha u jibgħathom lill-Ministeri involuti.

    Il-Kunsill ser jieħu ħsieb is-security ta' madwar iz-zuntier sa' €300 din is-sena.

26. **Kwotazzjonijiet.** Il-Kunsill ħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet inkonnessjoni mal-Karnival. Dawn infetħu fil-prezenza tas-Sindku, Vici Sindku, u Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar u Dr. Rita Mifsud. Il-kwotazzjonijiet ingħataw lill-aktar wieħed vantaġġjuż. Is-sindku ma ħax sehem fid-diskussjoni tal-kwotazzjoni tal-

kostruzzjoni ta' l-enclosure biex ikun konfermi mal-liġi peress li wieħed mill-kuntratturi huwa ħuħ.

| | |
|---|---|
| Dawl – | D'Illumination bil-prezz ta' 690.30 |
| PA System – | Jason Mizzi €395. |
| Mobile Toilets: | Michael Refali €30 kull jum kull wieħed |
| Street cleaning: | Sharlon Mercieca €3925.00 |
| Construction of Carnival Enclosure | Peter Paul Said €825 |

27. **Online Streaming.** Il-Kunsill ġie notifikat permezz ta' Memo 5/2014 li barra l-ammont ta' €2,300 sabiex jinxtara l-apparat għall-ewwel sena ta' streaming, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ser ikompli jagħti €1000 fis-sena għal-tliet snin lil dawk il-Kunsilli li jkunu installaw u implimentaw l-istreaming tal-laqgħat online sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2014. Dan sabiex ikopri parti mill-istreaming. Dr. Josianne Cutajar ssuggeriet li terġa toħroġ il-kwotazzjoni iżda bl-ispecifikazzjonijiet kif ingħataw mill-Gvern biss. Is-Sindku qal li jekk hemm bżonn aktar affarijiet biex taħdem is-sistema irridu noħorġu l-kwotazzjoni bl-apparrat kollu. Is-Sindku qal li din il-kwistjoni diġa ħa deċiżjoni fuqha l-Kunsill. Biż-żieda ta' €1000 fis-sena, is-sistema xorta mhix vijabbli u għalhekk is-Sindku, Viċi Sindku u Dr. Rita Mifsud ma qablux li terġa toħroġ sejħa għall-kwotazzjoni. Maria Natoli qablet ma Dr. Josianne Cutajar.

28. **Bozza Ġdida fi Triq Madre Gemma Camilleri.** Il-Kunsill irċieva petizzjoni minn xi residenti ta' Triq Madre Gemma Camilleri fejn talbu li tiġi nstallata bozza ġdida fi Triq Madre Gemma Camilleri, 'l fuq mill-Kappella tas-sorijiet. Is-Sindku għamel mozzjoni verbali biex issir bozza ġdida f'din it-triq. Il-mozzjoni ġiet issekondata minn Dr. Josianne Cutajar. Il-Kunsilliera l-oħra qablu mal-mozzjoni. Il-mozzjoni għaddiet. Is-Segretarja għandha tapplika għall-bozza ġdida mal-Eng. Renzo Curmi biex hu jkun jista japplika mal-Enemalta.

29. **Sejħa għall-offerta**. Il-Kunsil ser joħroġ sejħa għas-servizz ta' perit u "contract manager". Il-proġetti u xogħolijiet li qegħdin taħt il-Perit Robert Grech jibqgħu taħt dan il-perit. Ġie deċiż, li fil-lista ta' speċifikazzjonijiet għandhom jiġu nklużi li l-perit għandu jkollu esperjenza ta' xogħol mal-Kunsilli Lokali; esperjenza biex jimla applikazzjonijiet tal-UE; u jkun project manager.

30. **Kunċert mill-Korr Gaulitana.** Il-Kunsill ġie mistieden biex jieħu sehem fil-Festival of Music bejn Marzu u Mejju 2014. Il-ħsieb hu li n-Nadur jagħlaq dan il-festival fl-10 ta' Mejju fl-okkazzjoni tal-kanonizzazzjoni tal-Papi Gwanni Pawlu II u Gwanni XXIII. Dan se isir fil-knisja tan-Nadur. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill jikkollabora biex issir dan il-Kunċert u alloka l-ammont ta' €2000 għal dan il-għan.

31. **Premises tal-Kunsill.** Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill għandu bżonn aktar spazju bħala storage. Hu ssuġġerixxa li titkabbar il-kamra ta' fuq. Dan jista jsir peress li għad fadal spazju fejn tista tikber din il-kamra. Il-Kunsilliera qablu dwar dan. Hemm bżonn li ssir applikazzjoni DNO mal-MEPA biex isir dan. Il-Kunsill ħatar lill-perit Edward Scerri għal dan ix-xogħol.

32. **Applikazzjoni Measure 412 – Landscaping.** Dr. Josianne Cutajar qalet li fl-aħħar pubblikazzjoni tal-Kunsill issemma l-proġett tax-xelter fil-pjazza. Hi qalet li qabel ma jsir l-iffirmar tal-kuntratt, ir-residenti u sidien tal-pjazza għandhom jiġu kkonsultati. Is-Segretarja informat lill-Kunsill li din l-applikazzjoni għadha pendenti. Is-Sindku qal, li kif dejjem sar fil-passat jekk il-kunsill jingħata fondi għal dan il-proġett ser jiġu konsultati is-sidien tal-propjeta ta' madwar ix-xelter.

33. **Affarijiet oħra.** Maria Natoli gibded l-attenzjoni li hemm bżonn ta' patching fit-toroq arterji. Hi ġiet informata li l-Kunsill diġa għamel talba. Josianne Cutajar qalet li l-Kunsill għandu jistieden lil Onor. Jose Herrera għall-attivita tal-Karnival peress li l-Kunsill ħa fondi mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Eucharist Camilleri talab biex ikun hemm mobile toilets fi Triq Dun Bernard Haber. Hu ġie nformat li dawn diġa ġew ordnati. Talab ukoll sabiex l-ambulanzi ma jitpoġġewx f'postijiet li jimblokkaw il-ħwienet. Josianne Cutajar qalet li l-bankina ta' Lorry Cutajar għandha bżonn tiswija. Josianne Cutajar staqsiet dwar il-passaġġ ta' Dominic Falzon, fl-inħawi ta' San Blas. Is-Sindku qal li dan qieghed fuq il-lista. Josianne Cutajar ppreżentat xi ritratti ta' xogħol għaddej mill-Kunsill fl-inħawi ta' Għajn Qasab. Is-Sindku nformaha permezz ta' kopji tal-minuti tal-laqgħa numru 17 li saret fit 18 t' April 2013 li dan kien mgħoddi mill-Kunsill wara talba li saret mill-Kunsillier Maria Natoli.

Il-laqgħa ntemmet fil-19:15 Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Hamis 27 ta' Marzu fit-3:00 ta' wara nofsinhar.

Charles Said, Sindku



Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv

## Kunsill Lokali: Nadur

### Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 20.02.2014

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Gozo Channel Co. Ltd. | €1,227.05 | €1,227.05 | | Ferry tickets Carnival Participants | 21/02/14 | FR | 12558 |
| 2 | Gozo Channel Co. Ltd | €133.40 | €133.40 | | Ferry tickets Carnival Participants | 21/02/14 | FR | 12559 |
| 3 | Peter Bonello | €42.00 | €42.00 | | Repair Sign | 31/01/14 | 11107311 | 12560 |
| 4 | Victor Agius | €20.00 | €20.00 | | Stainless steel screws for monument | 19/02/14 | FR | 12561 |
| 5 | Joseph Cauchi | €633.00 | €633.00 | | Gnien il-Kunsill January and February | 20/12/14 | 142-143 | 12562 |
| 6 | ARMS Ltd | €919.29 | €919.29 | | electricity bills | 02/06/14 | 101000017578/208 000003117 | 12563 |
| 7 | P & J Debono cons. Ltd. | €374.98 | €374.98 | | Cement | 02/03/14 | 16891 | 12564 |
| 8 | Xerri's Garden Centre | €179.27 | €179.27 | | 14 olive trees | 02/06/14 | 79533/2166 | 12565 |
| 9 | Gatt Tarmac Ltd. | €1,471.98 | €1,471.98 | | Supply of Cold Asphalt | 31/01/14 | 1334 | 12566 |
| 10 | void | void | void | | void | | | 12567 |
| 11 | Kop.Ghawdxija Indafa pubblika | €3,971.00 | €3,971.00 | | refuse collection | 31/01/14 | 17041 | 12568 |
| 12 | Env.Landscapes Cons. Ltd. | €450.00 | €450.00 | | Spraying of palm trees | 31/01/14 | 10392 | 12569 |
| 13 | Vella Garage | €1,490.75 | €1,490.75 | | Repairs | 25/01/14 | 174 | 12570 |
| 14 | Chris Paul Cardona | €174.50 | €174.50 | | Sweeping of San Blas January | 31/01/14 | 18 | 12571 |
| 15 | Salvu Meilak | €185.25 | €185.25 | | Public Convenience | 02/03/14 | 8664088 | 12572 |
| 16 | Anthony Mercieca | €167.31 | €167.31 | | Bulky refuse | 31/01/14 | 862 | 12573 |
| 17 | Ronnie Mizzi | €42.75 | €42.75 | | Servicing | 02/03/14 | 2131 | 12574 |
| 18 | Marvin Camilleri | €161.50 | €161.50 | | San Blas and Playing field | 30/01/14 | 38 | 12575 |
| 19 | Carmel Mifsud | €777.10 | €777.10 | | Hire of trucks | 19/02/14 | 198 | 12576 |
| 20 | Joseph Camilleri | €16.00 | €16.00 | | Goods | 21/02/14 | 1856 | 12577 |
| | **Total** | **€12,437.13** | **€12,437.13** | | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Nadur**



## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 20.02.2014

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Josef Camilleri | €104.50 | €104.50 | | Ta' Kenuna January | 30/01/14 | 39 | 12578 |
| 22 | void | void | void | | void | | | 12579 |
| 23 | Ivan Xuereb | €1,275.00 | €1,275.00 | | General Hand | 31/01/14 | 18942 | 12580 |
| 24 | Ivan Xuereb | €230.00 | €230.00 | | Sweeping of Grunju Area - January | 31/01/14 | 18943 | 12581 |
| 25 | Ghaqda armar Triq il-Knisja | €150.00 | €150.00 | | Self ta' Armar | 02/10/14 | | 12582 |
| 26 | St.Peter & St.Paul Parish Office | €50.00 | €50.00 | | Transport | 31/01/14 | | 12583 |
| 27 | Joe Said | €140.00 | €140.00 | | Dar Frangisk Grima | 31/01/14 | | 12584 |
| 28 | Victor Agius | €73.87 | €73.87 | | Dun Salv Portelli monument | 27/12/13 | | 12585 |
| 29 | Portelli Print | €504.00 | €504.00 | | Newsletter | 17/02/14 | 914 | 12586 |
| 30 | Gemma Zammit | €140.00 | €140.00 | | Day centre | 31/01/14 | | 12587 |
| 31 | M'Rose Grima | €120.00 | €120.00 | | Day centre | 31/01/14 | | 12588 |
| 32 | M'Concetta Mifsud | €120.00 | €120.00 | | Day centre | 31/01/14 | | 12589 |
| 33 | GO Plc | €166.28 | €166.28 | | telephone bill | 13/02/14 | 36779786/36779780 | 12590 |
| 34 | void | void | void | | void | | | 12591 |
| 35 | R.A.& Sons Ltd. | €861.69 | €861.69 | | paving material | 02/11/14 | | 12592 |
| 36 | void | void | void | | void | | | 12593 |
| 37 | Joseph Camilleri | €48.50 | €48.50 | | olive trees and poles | 23/01/14 | 1850 | 12594 |
| 38 | Mallia Property Dev.Co.Ltd. | €56.00 | €56.00 | | Goods | 18/02/14 | 625 | 12595 |
| 39 | Eternal Favourites | €170.00 | €170.00 | | refreshments for tour leaders visiting Nadur | 02/08/14 | 16788 | 12596 |
| 40 | ICS | €97.00 | €97.00 | | Toner and servicing | 14/02/14 | 88318/88280 | 12597 |
| | **Sub total** | **€13,891.54** | **€13,891.54** | | | | | |
| | **balance b/f** | **€12,437.13** | **€12,437.13** | | | | | |
| | **balance c/f** | **€26,328.67** | **€26,328.67** | | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 20.02.2014

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | void | void | void | | void | | | 12598 |
| 42 | Smart Office Supplies Ltd. | €197.69 | €197.69 | | Stationery | 31/01/14 | 1310/1398/1218 | 12599 |
| 43 | Zephyr Garage | €195.00 | €195.00 | | Transfers | 02/03/14 | ZGV1355/1358 | 12600 |
| 44 | Franklin Cardona | €60.00 | €60.00 | | Flyers distribution | 14/02/14 | | 12601 |
| 45 | Keen | €118.00 | €118.00 | | Printing of posters | 02/07/14 | 3956 | 12602 |
| 46 | Portelli print | €277.30 | €277.30 | | Posters | 27/01/14 | 910 | 12603 |
| 47 | Road Construction Co. Ltd. | €210.00 | €210.00 | | Cold Mix bags | 02/12/14 | 12216 | 12604 |
| 48 | Charles Mifsud | €190.00 | €190.00 | | Sweeping of Xaghri Area | 31/01/14 | | 12605 |
| 49 | void | void | void | | void | | | 12606 |
| 50 | BCD Graphics Ltd | €189.00 | €189.00 | | Posters | 02/03/14 | 2289 | 12607 |
| 51 | Enemalta | €614.52 | €614.52 | | Enemalta | 02/03/14 | | 12608 |
| 52 | Portelli Print | €77.88 | €77.88 | | Envelopes and other stationery | 27/01/14 | 909 | 12609 |
| 53 | Tropical Forest | €24.50 | €24.50 | | Plants | 28/01/14 | 1181 | 12610 |
| 54 | Smart Office supplies Ltd. | €37.52 | €37.52 | | Stationery | 17/01/14 | 686 | 12611 |
| 55 | Andrew Fleri Soler | €235.00 | €235.00 | | Photocopier Service | 02/01/14 | 19 | 12612 |
| 56 | D Illumination Ltd. | €4,754.22 | €4,754.22 | | Christmas decorations light equipment | 27/01/14 | 362 | 12613 |
| 57 | Mario Mallia | €73.90 | €73.90 | | Yellow road marking paint | 31/01/14 | 16/14 | 12614 |
| 58 | Galea Curmi eng. Cons. Ltd | €96.62 | €96.62 | | Contract Manager Fee | 31/01/14 | 2422 | 12615 |
| 59 | Robert Grech B.E.&A. A&C.E. | €717.83 | €717.83 | | Re road Works | 30/10/13 | 236-83 | 12616 |
| 60 | Pjazzetta Hardware Store | €590.00 | €590.00 | | Goods | 22/02/14 | | 12617 |
| | | **€8,658.98** | **€8,658.98** | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€26,328.67** | **€26,328.67** | | | | | |
| | **Total** | **€34,987.65** | **€34,987.65** | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Nadur**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data:** 20.02.2014

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | Saviour Xiberras | €105.00 | €105.00 | | Fuel | 01/10/14 | | 12618 |
| 62 | Local Council Nadur | €114.99 | €114.99 | | Petty Cash | 24/02/14 | | 12619 |
| 63 | Richard Cauchi | €6,945.74 | €6,945.74 | | Job orders | 20/01/14 | 2089/2091/2092/2090 | 12620 |
| 64 | Gatt Tarmac Ltd. | €11,286.23 | €11,286.23 | | Road Resurfacing | 31/01/14 | 236-60 | 12621 |
| 65 | SMS Travel | €162.00 | €162.00 | | Flight ticket | 27/02/14 | 70028026 | 12622 |
| 66 | Charles Said | €406.35 | €406.35 | | Allowance | 28/02/14 | | 12623 |
| 67 | Rita Mifsud Attard | €1,578.91 | €1,578.91 | | Salary | 28/02/14 | | 12624 |
| 68 | Claire Hili | €947.34 | €947.34 | | Salary | 28/02/14 | | 12625 |
| 69 | Saviour Xiberras | €1,270.52 | €1,270.52 | | Salary | 28/02/14 | | 12626 |
| 70 | void | void | void | | void | 28/02/14 | | 12627 |
| 71 | void | void | void | | void | 28/02/14 | | 12628 |
| 72 | Comm. Of Inland Revenue | €1,334.22 | €1,334.22 | | FS5 | 28/02/14 | | 12629 |
| 73 | DOI | €18.64 | €18.64 | | Tender 1 & 2 2014 | 03/05/14 | | 12630 |
| 74 | DOI | €18.64 | €18.64 | | Quotation and Public Meeting | 03/12/14 | | 12631 |
| 75 | Local Council Association | €72.00 | €72.00 | | Mayor's Meeting | 13/03/14 | | 12632 |
| 76 | Local Council Association | €40.00 | €40.00 | | Mayor's Meeting | 13/03/14 | | 12633 |
| 77 | | | | | | | | |
| 78 | | | | | | | | |
| 79 | | | | | | | | |
| 80 | | | | | | | | |
| | **Sub total** | **€24,300.58** | **€24,300.58** | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€26,328.67** | **€26,328.67** | | | | | |
| | **Total** | **€50,629.25** | **€50,629.25** | | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv